ID-DIPARTIMENT TAL-MALTI · IL-FAKULTÀ TAL-ARTI ·

2025

# RIĊERKATURI

ĦARĠA 7

GĦAŻLA TA' TEŻINI
TAL-BA (UNURI) FIL-MALTI

L-Università
ta' Malta

# Riċerkaturi

Id-Dipartiment tal-Malti
L-Università ta' Malta

Ħarġa 7
2025

Pubblikazzjoni tad-Dipartiment tal-Malti
© 2025 Id-Dipartiment tal-Malti, l-Università ta' Malta

Koordinazzjoni:
Prof. Michael Spagnol

Qari tal-Provi:
Lawrence Deguara

Disinn:
Panda
www.panda.com.mt

ISSN: 3005-642
ISBN: 978-99957-819-8-9

4. **Imsielet**
Michael Spagnol

6. **Il-Ġrajja tal-Laqgħa tal-Kittieba tal-Malti (1920)**
Daniel Attard

16. **Il-Malti u l-Ingliż fost it-Tfal: Studju fuq il-Preferenzi u l-Attitudnijiet Lingwistiċi**
Maria Bellia

28. **Il-Mara l-Oħra: Il-Profil Letterarju ta' Nisa f'Relazzjonijiet ta' Mħabba Meqjusin 'Illeċiti'**
Rebecca Greengrass

38. **"dirgħajk rotob dejjem wennsuni": L-Esperjenza Materna Skont Poetessi Maltin**
Solana Mangion

48. **silenzji li nduqu u Metafori Sinestetiċi oħra f'Nadia Mifsud**
Klara Vassallo

# Imsielet

L-ittri tal-alfabett għandna ħabta nxebbhuhom mal-bnedmin. Il-*ħ* naqtgħulha rasha. Il-*q* bis-sieq. Il-*b* daharha 'l hemm u d-*d* daharha 'l hawn. L-*e* tal-widna, inkella nitfixkluha mal-*i* tat-tikka. U l-mistoqsija trid tispiċċa bil-misluta, mhux hekk?

Teżi titlaq minn mistoqsija. Kultant tkun ċara u diretta, sentenza kollox. Drabi oħra tibda soda u ffukata, u tisfuma fi tliet tikek. Mistoqsija ġieli bilkemm tisma' ħossha, imma tibqa' tinkik bħal kelma titnikker fil-ponta ta' lsienek. Spiss tkun mogħdija li tafha ma tafhiex, li għaddejt minnha imma nsejt fejn tieħdok. U mnalla, għax biex issib triqtek trid l-ewwel tintilef. Hemm tibda ssib.

Mistoqsija ma tqumx waħedha. Tqum għax tisma' u tiskot, tibni argument u tħottu, u tiddjaloga. Għalhekk teżi, qabelxejn, hi konverżazzjoni: bejn studenti u tuturi, bejn il-kitba u l-qari, bejn ix-xogħol li sar u li għad fadallu jsir.

L-artikli miġburin f'din il-ħarġa twieldu minn dubju. Minn tweġiba tqabbdek l-għatx, mhux taqtagħhulek. Minn ħsieb idur ma' kull riħ. Minn *għaliex*, żewġ sillabi li xogħolhom iriegħdu ċ-ċertezzi ħa jagħmlu l-wisa' għall-ġdid. U forsi hemm qiegħed il-veru gost ta' dawn il-kitbiet. Mhux tant fir-risposti li joffru, iżda fil-mistoqsijiet li qajmu u li għad iqajmu. Għax ir-riċerka mhix il-punt ċert f'tarf is-sentenza, imma l-misluta, imdendla, li tistedinna nieqfu ħa nisimgħu sew.

Michael Spagnol
Ottubru 2025

*Nifirħu lil Daniel Attard li rebaħ il-Premju Ġużè Aquilina u lil Klara Vassallo li rebħet il-Premju Oliver Friggieri.*